MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Numru 244/2003

Il-Pulizija
(Sp Chris galea Scannura)
vs
Grace Cini, bint Joseph,
imwielda Pieta' fis-16
ta' april, 1971

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputata –

1. talli matul ix-xahar ta' jannar, 2003 f'ħinijiet differenti għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew tal-firem, billi ħalqet pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligu, jew billi daħħlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella żiedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew

fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
2. talli fl-istess żminijiet indikati aktar 'il fuq xjentement għamlet użu minn att, kitba jew skrittura falza;
3. talli fl-istess żmien u ċirkostanżi b'meżżi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' ntrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor u cioe' lil Joseph Mifsud ta' JDR, Notabile Road, Mrieħel;
4. talli għamlet qliegħ ta' Lm245 bi ħsara ta' Joseph Mifsud.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputata u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi din il-kawża ddur fuq il-fatt li l-imputata allegatament sarfet 'cheque' b'tali mod li hi għamlet qliegħ ta' Lm245 għad-dannu ta' Joseph Miffud.

Illi l-oriġinali ta' dan iċ-'cheque' qatt ma ġie eżebit l-atti ta' din il-kawża u għalhekk il-verifiki neċessarji qatt ma setgħu jsiru.  Din hi kawża li għandha l-element ta' l-aħjar prova nieqsa.

Għaldaqstant, fuq nuqqas ta' provi ma ssibx lill-imputata ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberaha minn dawn l-akkużi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------